MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Rikors Numru. 68/2013

**Carmel Hartley**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u**

**l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Carmel Hartley li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

L-esponent kien gie akkuzat hamsa u tletin (35) akkuza konnessi ma serq ta’ pertol minn pompi ta’ petrol. Fil-prezentata tar-rikorrent minkejja li kien assistit minn avukat, l-Ispettur li kien qed imexxi l-prosekuzzjoni naqas milli jaqra u dan kontra l-Art 574A(1) tal-Kodici Kriminali (Kap 9);

L-Esponent kien ammetta ghall-akkuzi kollha:

Illi fis-16 ta’ Frar 2012 il-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabet ir-rikorrenti hati ta’ l-akkuzi kollha u kkundannatu komplessament erba (4) snin pridunerija;

Zmien wara r-rikorrenti kien induna li kien ammetta ghal akkuzi li kien alternattivi ghal ohrajn. Fil-fatt l-akkuzi jinkludi serq aggravat bi vjolenza u bil-mezz, imbaghad ghal kull serqa inghatat akkuza alternattiva talli ghamel hsara volontarja. La kien akkuzat bis-serq aggravat bi vjolenza kif stipulat fl-artikolu 262(b) tal-Kodici Kriminali, peress li kien hemm tlett persuni involuti u aggravat bil-mezz stante li kien hemm tkissir a tenut ta’ l-Artikolu 263(a). B’hekk ir-reat ta’ hsara volontarja huwa kompriz u involut fir-reat ta’ serq. Bhala rizultat ir-rikorrenti ma mmissux thalla jammetti ghar-reati kollha jew inkella l-prosekuzzjoni mmissha irtirat dawn l-akkuzi;

Bhala rizultat il-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li taghti sentenza fuq l-akkuzi kollha li kienu gew ammessi inkluzi l-

akkuzi alternattivi u l-piena kellha tirrifletti dan. B'hekk r-rikorrenti ma kellux smiegh xierqa kif protett minn Artikolu 39 tal-Kostutuzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Talab lil din il-Qorti:

Li din joghgobha tiddikjara li l-intimati kisru d-dirttijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll taghtiha rimedji xierqa biex tassigura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-Ispettur li kien qed imexxi l-prosekuzzjoni naqas milli jaqra l-akkuzi waqt il-prezentata tieghu hija barra minn lokha u mhux minnha;

Infatti jekk wiehed jara l-verbal tas-6 ta' Jannar 2012 (**Dok. AG1**) redatt mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja wiehed isib li l-ufficjal prosekutur kien halef l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat. Imma jekk dan mhux bizzejjed fit-tieni seduta mizmuma fit-12 ta' Jannar 2012 (Dok. **AG2**), wiehed

isib imnizzel li dakinhar kienet saret korrezzjoni u zieda fl-akkuza u dak il-hin stess l-ufficjal prosekutur kien qara bil-gurament tieghu l-akkuza kif korretta.

F’dan ir-rigward hija gurisprudenza pacifika illi l-verbali tal-Qorti ghandhom forza ta’ att pubbliku peress illi r-registratur li jidderigihom ghandu funzjonijiet ta’ Nutar fl-affarijiet tal-Qorti. Ifisser dan li verbali jaghtu fidi lil dak li jkun sehh fil-kors ta’ l-udjenza u jorbtu lill-kontendenti fil-proceduri (ara inter alia ***Farmacista Giuseppe Debono vs. Giovanna Debono***, Appell Civi tat-13 ta’ Marzu 1953 u ***Direttur tal-Agrikoltura vs. Remigio Galea***, Appell Civi, 30 ta’ Marzu, 1987);

Darba li f’dan il-kaz il-verbali tal-Qorti jindikaw espressament li l-akkuza giet moqrija u mahlufa mill-ufficjal prosekutur, allura m’ghandux ikun hemm dubju li l-akkuza giet moqrija u mahlufa skont il-ligi;

Dwar l-ilment principali tar-rikorrent li huwa messu ma thalliex jammetti ghar-reati ta’ hsara volontarja minhabba li skont hu dan ir-reat kien kompriz fir-reati ta’ serq bil-mezz, l-esponent jissokta billi jwiegeb li r-rikorrent messu qabel ma fetah dawn il-proceduri kostituzzjonali nqeda bir-rimedji moghtija lilu bil-ligi ordinarja.  Specifikament, jekk huwa ma kienx qed jaqbel mas-sejbien tal-htija tieghu tar-reati ta’ hsara volontarja jew ma kienx qed jaqbel dwar l-ammissjoni tieghu dwar dawn ir-reati, huwa kellu kull jedd li jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) moghtija kontrih fis-16 ta’ Frar 2012, skont il-fakoltà moghtija lilu abbazi tal-**artikolu 413 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Fi zgur ma huwiex xieraq li r-rikorrent l-ewwel ihalli t-terminu tal-appell jghaddi inutilment biex imbaghad sena u seba' xhur wara jiftah dawn il-proceduri kostituzzjonali biex jittanta jirranga jew isewwi dak li m'ghamilx fiz-zmien utili li ttih il-ligi;

Tassew proceduri ta' bixra straordinarja bhalma huma kawzi kostituzzjonali mhumiex mahsuba biex jiehdu post il-proceduri ordinarji li kellhom u setghu jigu prospettati primarjament. Inkella minflok imorru quddiem il-Qrati tal-Appell nibdew nipprocedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali – haga li tmur lilhinn mill-iskop tal-proceduri kostituzzjonali. Ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponent qieghed umilment jisteidem lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, b'rabta mal-ilment ta' ksur tal-jedd ta' smigh xieraq kif imqanqal fir-rikors promotur, l-esponent jghid ukoll illi materji li ghandhom x'jaqsmu mal-kwantum jew xorta ta' piena u mal-mod kif din tigi espijata jezorbitaw mill-ambitu tal-kuncett ta' smigh xieraq kif imhares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** (ara s-sentenza **Anthony Grech Sant vs. Avukat Generali** tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-8 ta' Frar, 2010);

Kif tajjeb intqal aktar kmieni f'din is-sena mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Mario Borg vs. Kummissarju tal-Pulizija** et moghtija fil-25 ta' Jannar 2013, *"....l-quantum tal-piena huwa mholli f'idejn il-qrati ta' gurisidzzjoni kriminali u, sakemm dak il-quantum ikun fil-paramentri li taghti l-ligi ghar-*

*reati li dwarhom tinstab htija, u ghalhekk ma jkunx bi ksur tal-massima nulla poena sine lege, ma huwiex haga mhollija fil-kompetenza ta' din il-qorti."*;

F'dan il-kaz ghallinqas mir-rikors kostituzzjonali ma jidhirx li hemm ilment min-naha tar-rikorrent li l-piena inflitta mill-Qorti tal-magistrati ma taqax fil-parametri tal-ligi.  La dan hu hekk, allura mhuwiex koncess ghar-rikorrent li jipprova jwaqqa' l-piena abbazi tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea**;

Illi *multo magis* imbaghad, l-ammissjoni tar-rikorrent kienet wahda ghal kollox volontarja u ghalhekk l-esponent jifhem li huwa kien qieghed jassumi r-responsabbilità shiha ta' dik id-decizjoni tieghu, b'dana li huwa kien qed jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Ewwel Qorti setghet tasal ghaliha. Jigi b'hekk li sakemm il-piena erogata tkun fil-parametri tal-ligi mhuwiex lecitu ghal dak li jkun li jipprova jattakkaha ladarba huwa bl-ammissjoni tieghu stess ikun halla f;idejn il-Qrati biex jiddeciedu bid-destin tieghu;

Fi kwalsiasi kaz anke jekk ghal gieh tal-argument biss wiehed kellu jaccetta li l-Qorti tal-Magistrat zbaljat meta accettat l-ammissjoni tar-rikorrent fir-rigward tal-akkuza tal-hsara volontarja (haga li l-esponent assolutament ma jaqbilx kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem), wiehed ma jridx jinsa li l-iskop ta' orceduri kostituzzjonali mhuwiex dak li jsewwu jew jaghmlu tajjeb ghal zbalji mwettqa mill-Qrati ordinarji;

Tabilhaqq id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantaxxi biss il-

harsien ta’ certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, *audi alteram partem* u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, mhijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta’ Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi sewwa jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea (ara fost ohrajn is-sentenza ***J.E.M. Investments Limited vs. Avukat Generali et***, Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta’ Settembru 2011);

F’dan il-kaz, il-kwistjoni dwar jekk ir-reat ta’ hsara volontarja kienx kompriz u involut fl-akkuzi tas-serq mhijiex tema marbuta mal-jedd procedurali ta’ smigh xieraq izda hija materja ta’ mertu sostantiv li taqa’ fil-kompetenza esklussiva tal-qrati kriminali. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jistax jigi mistharreg minn din l-Onorabbli Qorti ghaliex mhuwiex l-irwol taghha li tiehu post tal-qorti ordinarji;

Minghajr pregudizzju ghall-premess anke li kieku stess wiehed kellu joqghod jinvestiga l-ilment tar-rikorrent dan huwa ghal kollox bla bazi guridiku;

Ibda biex, l-akkuza tas-serq aggravat bil-mexx, taht l-ebda immaginazzjoni fertili ma tista’ titiqies bhala aternattiva tar-reat tal-hsara volontarja. Tassew l-elementi tar-reati tas-serq li principalment jikkonsistu fit-tehid ta’ proprjetà ta’ haddiehor minghajr awtorizzazzjoni ghal skopijiet ta’ gwadann mhux misthoqq, huma ghal kollox distinti u separati mill-elementi tar-reat tal-hsara volontarja li bazikament jikkonsistu fl-*animus nocendi* li jikkaguna hsara fuq il-gid ta’ haddiehor. Ghalhekk

ir-rikorrent huwa koncettwalment zbaljat meta fir-rikors kostituzzjonali tieghu jghid li dawn ir-reati huma alternattivi ghal xulxin ghaliex is-serq hija jaga u l-hsara fuq proprjetà hija hag'ohra kompletament differenti;

Taht din il-qaghda galadarba dawn ir-reati huma differenti minn xulxin, l-ufficjal prosekutur ghamel sew li hareg akkuza separata ta' serq u ta' hsara volontarja.  Ghall-istess raguni allura mhuwiex siewi l-argument dedott mir-rikorrenti li hjuwa messu ma thalliex jammetti ghal certu reati;

Illi dejjem minghajr hsara ghal dak fuq imsemmi, lanqas ma huwa fis-sewwa r-rikorrent meta jtenni li r-reat ta' hsara volontarja huwa kompriz u involut fir-reat ta' serq aggravat bil-mezz.  Tassew reat jitqies bhala kompriz u involut meta b'att kriminali wiehed jigu mwettqa zewg delitti li jkunu tal-istess sura, bid-delitt l-aktar gravi jassorbi dak l-inqas gravi.  Fi kliem iehor, il-kuncett tal-kompriz u involut jirrefletti l-principju *ad maiori ad minus*.  Hekk perezempu r-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz jew ir-reat ta' griehi hfief huwa kompriz u involut fir-reat ta' griehi gravi;

F'dan il-kaz il-hsara li r-rikorrent wettaq fil-magni tal-pompi tal-petrol biex seraq il-flus minn go fihom mhuwiex reat kompriz u involut fis-serq izda *semmai* l-isgass serva bhala mezz ghall-fini biex seta jitwettaq is-serq.  Jigifieri r-rikorrent wettaq reat biexi mbaghad seta' jwettaq reat iehor.  Minn din il-perspettiva, imbilli l-hsara saret biex ikun jista jigi kommess is-serq ma jfissirx b'daqshekk li r-eat tal-hsara ma jikkonfigurax ruhu xorta wahda '*on its own merits*' indipendentement mis-serq.  Bizzejjed li jinghad li fir-reat tas-

serq kwalifikat bil-mezz ma jigix meqjus l-entità u l-grad tal-hsara mentri fir-reat tal-hsara volontarja r-riperkussjonijiet jinkrimentaq aktar ma tkun kbira l-hsara li giet kagonata;

Naturalment però meta jkun hemm delitti li jkunu servew bhala fini biex jitwettqu delitti ohra, bhal ma kellna f'dan il-kaz, il-hsara fil-magni tal-pompi tal-petrol biex seta' jsir is-serq tal-flus, dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta tinhadem il-piena. Fis-sens li meta jigi mwettaq reat biex jigi kommess reat iehor, mhux ma jkunx hemm htija, izda ghall-fini ta' piena biss, din tigi assorbita f'dak ir-reat aktar gravi. Ghalhekk ir-reat tal-hsara *per se* jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita fil-piena l-bira tas-serq kwalifikat. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs. Omissis*** tal-5 ta' Gunju 2003, "*Hija biss ghall-fini ta' piena li r-reat li servabhala mezz ghall-fini ma jittiehidx in konsiderazzjoni, imma dikjarazzjoni ta' htija dwaru jkun hemm dejjem u ghalhekk dar-reat ikun jezisti w jakkompanja lir-reat l-iehor*";

Hekk gara proprju f'dan il-kaz ghaliex jekk wiehed jaqra s-sentenza tas-16 ta' Frar 2012 wiehed isib li l-Qorti tal-Magistrati meta giet biex tahdem il-piena hija applikat l-asorbiment u l-konkors formali tal-pieni;

Illi fuq kollox ghall-ammont kbir ta' reati li gie kkundannat fuqhom ir-rikorrent wehel biss sentejn prigunerija – dan inkwantu s-sentejn l-ohra r-rikorrent wehilhom ghax dahlet fis-sehh sentenza precedenti li keinet sospiza. Tassew allura l-piena ta' sentejn prigunerija li giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hija pjuttost miti u benevolenti, b'dana li r-rikorrenti m'ghandu l-ebda raguni oggettiva u razzjonali biex jilmenta dwarha;

Infatti mis-sentenza tal-Qorti tal-magistrati jirrizulta li r-rikorrent gie misjub hati (i) li seraq ammonti sostanzjali ta’ flus minn seba’ pompi tal-petrol appartenenti lil sidien differenti, (ii) li kkaguna hsara f’kull wahda minn dawn il-pompi tal-petrol biex seta’ jisraq il-flus minn go fihom, (iii) li seraq zewg vetturi, (iv) li prova jisraq minn erba’ pompi ohra izda li ma rnexxilux minhabba ragunijiet indipendenti mir-rieda tieghu, (v) li wettaq ukoll hsara fuq dawn il-pompi, (vi) li wettaq serq ta’ pjanci ta’ registrazzjoni minn fuq tlitt vetturi, (vii) liwettaq serq ta’ ghodda minn stabbilment, (viii) li kkaguna hsara f’dan l-istabbilment minn fejn seraq l-ghodda, (ix) li haraq vettura ta’ haddiehor, (x) li qered jew biddel tracci biex jahbi milli jinkixfu r-reati, (xi) li seraq cash register, (xii) li ghamel il-hsara biex seta’ seraq il-*cash register,* (xiii) li kien f’kongura ma’ persuni ohra biex jaghmel aktar serqiet, (xiv) li wettaq reati waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, (xv) li kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja u (xvi) li ta informazzjoni hazina biex jizvija lill-Pulizija;

Issa kif qalet il-Qorti tal-magistrati fis-sentenza taghha ir-reat wahdu ta’ serq kwalifikat bil-vjolenza minhabba n-numru, bil-mezz u bil-valur jigbed lejh piena minima ta’ tlettax-il xahar. Sinjifikanti però li din hija biss l-piena ta’ incidenza wahda ta’ serq. Dan qed jinghad ghaliex f’dan il-kaz kellna aktar minn serqa wahda u tentattivi ohra ta’ serq li ma rnexxewx. Izda mhux hekk biss, barra mis-serq kien hemm reati ohra bhal hruq ta’ vettura, ksur ta’ sentenza sospiza u ta’ libertà provizorji, assocjazzjoni delittwuza u ta’ tniggis ta’ evidenza;

Ghalhekk meta wiehed jghodd in-numru kbir ta’ serqiet u ta’ reati ohra mwettqa mir-rikorrent u meta wiehed jikkunsidra li dawn ir-reati gew maghmula fi zmien operattiv ta’ sentenza

sospiza, wiehed ma jistax jinghad li s-sentenza ta’ sentejn habs hija xi wahda harxa. Anzi l-esponent ihossusorpriz hafna kif ir-rikorrent ghazel li jressaq dan ir-rikors kostituzzjonali;

Illi dejjem minghajr pregudizzju l-esponent jaghlaq billi jinnota li r-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tieghu jonqos milli jindika x’rimedju qieghed jippretendi u dan b’nuqqas ta’ harsien **tar-regolament 3(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (legislazzjoni Sussidjarja 12.09)** (ara f’dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ***Ignatius Licari nomine vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** tad-19 ta’ Gunju 2006).

Fil-fehma tal-esponenti n-nuqqas ta’ identifikazzjoni ta’ rimedju min-naha tar-rikorretni hija turija tal-fatt li lanqas huwa stess ma jafx x’irid b’dawn il-proceduri. Fi zgur, ir-rikorrent ma jistax jippretendi tnaqqis fil-piena tieghu, ghaliex anke jekk wiehed kellu jnehhi l-akkuzi tal-hsara volontarja li ntuzat bhal mezz biex twettwu s-serqiet, xorta wahda l-piena erogata lir-rikorrent hija fil-minimu taghha;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu. Billi fl-umili opinjoni tal-esponent l-ilmenti mqanqla mir-rikorrent huma ta’ natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk thoss li huwa l-kaz tikkunsidra l-applikazzjoni tal-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319**.

Rat in-nota ta’ sottomoissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-intimati.

Jirrizulta illi fis-16 ta; Frar 2012, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lir-rikorrenti hati ta' diversi akkuzi u kkundannatu piena ta' erba' snin prigunerija. Minn din is-sentenza huwa ma nterpona ebda appell.

Rimedi ordinarji

L-insenjament ta' dawn il-Qrati ghar-rigward ta' nuqqas ta' persuna li tuza l-mezzi ordinarji biex iggib 'il quddiem l-aggravji taghha huwa car u stabbilit.

Fil-kawza tat-Taljan Company Limited vs Awtorità tal-Ippjanar deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001, gie ritenut illi:

*"sakemm tibqa' il-possibilità li lezjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew ghad jista' jigi, retifikat bil-proceduri w mezzi ordinarji provduti mill-ligi, ikun generalment il-kaz li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha. Fejn ghad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jigu ezawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli"*.

Fil-kawza Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju 2006, intqal illi:

*"Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanzjani tieghu"*.

Ara wkoll Attard vs Policy Manager tal-Malta Shipyards (30 ta' Settembru 2010) u Fenech vs Awtorità tal-Ippjanar (9 ta' Novembru 2012).

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti kelli r-rimedju ordinarju li kien jikkonsisti fid-dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali a tenur tal-Art. 413 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa naqas milli juzufruwixxi minn dan id-dritt. Kull lanzjana li qieghed jilmenta minnha f'dawn il-proceduri, kemm ghal dak li jirrigwarda l-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll rigward sentenza u piena inflitta setghet giet komprensivament ventilata quddiem il-Qorti tal-Appell.

Proceduri kostituzzjonali fin-natura eccezzjonali u straordinarji taghhom ma jistghu qatt jintuzaw minflok il-proceduri ordinarji regolarment disponibbli ghar-rikorrent fil-mument tal-allegata lezjoni ta' dritt fondamentali. Jekk huwa fiz-zmien li nghatat

is-sentenza ghazel li ma jappellax minnha ma jistax issa jilmenta minn nuqqas ta’ smiegh xieraq.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-ispejjez jithallsu minn Carmel Hartley.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------